KUNSILL LOKALI PAOLA

*Ref*: 59/7/194/19

**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Paola

SEBGĦA LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 59

*L-Erbgħa 24 ta' April 2019*

Il-Kunsill Lokali Paola ltaqa' fl-uffiċini amministrattivi tiegħu, fi Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar l-Erbgħa 24 ta' April 2019. Il-laqgħa kienet skedata għal-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Dominic Grima-*Sindku*<br>Roderick Spiteri-*Kunsillier*<br>Bernard Sean Lynch-*Kunsillier*<br>Tyrone Muscat-*Kunsillier* |
| **Assenti b'apoloġija**<br>(Skont Ordni Permanenti 14A (3): | Steven Axisa-*Viċi Sindku*<br>Ivan Bartolo-*Kunsillier* |
| **Assenti:** | Nicholas Seychell-Kunsillier |
| **Uffiċjal Preżenti:** | Kurt Scerri-*Segretarju Eżekuttiv* |

# Minuti

Is-Sindku Dominic Grima ippreseda l-laqgħa.

1. **<u>Qari tal-ittri ta' apoloġija</u>**

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi l-Viċi Sindku Axisa talab biex ikun skużat minħabba impenji ta' xogħol. Il-membri aċċettaw din l-apoloġija.

2. **<u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti</u>**

2.1. Il-Minuti nr. 58 ġew approvati *nem com.*

3. **<u>Korrispondenza</u>**

3.1. Ittra mingħand it-tmexxija ta' Casa Paola fejn qed tinforma lil membri bir-raġuni għalfejn il-parkeġġ mhux jintuża mil-viżitaturi però qed jingħad ukoll illi dan il-parkeġġ ser jibda jintuża mill-impjegati sabiex jonqos l-impatt fuq il-parkeġġ għar-residenti.

3.2. Korrispondenza mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali tinforma lil Kunsill illi ingħata l-ammont ta' €41,890 mill-fond għaż-żamma u l-manutenzjoni għall-proġetti kapitali b'risq il-proġett tal-Pjazza.

3.3. Ċirkulari mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali marbuta ma' skema ta' finanzjament ta' proġetti ta' *drip irrigation*. Il-membri qablu li ssir applikazzjoni għall-Ġnien St. Ubaldeska, Ġnien Pawlu Boffa u Ġnien Lorry Sant.

4. ***<u>Audited Financial Statements</u>***

4.1. Is-Sindku stieden lill-Accountant tal-Kunsill sabiex flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv jippreżentaw lil membri l-stqarrijiet finazjarji kif aġġustati mil-awdituri. Dawn ġew approvati mill-membri tal-Kunsill b'mod unanimu.

5. **<u>Ċentru Tas-Saħħa Paola</u>**

5.1. Il-Kunsillier Muscat tkellem fuq dan l-item billi qal li jkun għaqli jekk il-Kunsill Lokali Paola iressaq proposta lil Gvern Ċentrali sabiex kif il-poli klinika ma tibqax topera u ssir trasferita għall-Mini Hospital, il-poliklinika preżenti issir dar tal-anzjani fid-dawl tad-domanda li hawn għal servizzi bħal dawn.

5.2. Il-membri iddiskutew din il-proposta u qablu li tintbagħat korrispondenza lil Ministru tas-Saħħa sabiex issir dar tal-Anzjani fil-lokalita fid-dawl tad-domanda illi hawn fil-lokalità u anke meta wieħed iżomm f'moħħu li l-poliklinika ser tkun vakata.

**6. Maintenance ta' Proġetti**

6.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi l-proġetti li qed iwettaq il-Gvern fil-lokalita qed jiġu fi tmiemom u għaldaqstant ikun għaqli jekk jiġu iffirmati "*maintenance agreements*" li bihom il-proġetti jinżammu fl-aħjar mod possibbli. Fost dawn l-*agreements* hemm tiġa ppreparati arranġamenti kemm għall-*maintenance* tal-funtani tal-pjazza u anke tas-CCTV fi Ġnien Dom Mintoff.

6.2. Wara diskussjoni il-membri qablu li għandom jiġu iffirmati dawn il-*maintenance agreements* għall-funtani tal-pjazza u tas-CCTV ta' Ġnien Dom Mintoff mal-kuntratturi innifishom li għamlu ix-xogħol, fid-dawl li l-Kunsill huwa wkoll marbut ma' garanziji li f'każ li jekk jitqabbad ħaddieħor sabiex jagħmel dan ix-xogħol il-garanzija taqa'.

**7. Komunikazzjoni mis-Sindku**

**8. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

8.1. Il-Kunsillier Lynch staqsa dwar meta ser jinxtgħelu iż-żebra crossings. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li huwa infurmat li kellu isir dan ix-xogħol però ser jiċċekkja dwar dan mal-Kunsill Konsultattiv għan-nofsinhar ta' Malta u mas-Segretarjat għall-Gvern Lokali.

**9. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

9.1. Il-membri tal-Kunsill Lokali approvaw l-iskeda ta' Pagamenti Nru. 58 għas-somma ta' €47,858.57.

**10. Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

10.1. Il-Laqgħa ġiet magħluqa fis-6:00pm u ġiet aġġornata għall-Erbgħa 29 ta' Mejju 2019.

10.2. Konfermati, illum l-Erbgħa 29 ta' Mejju 2019.

| | |
|---|---|
| **APPROVATI** | **APPROVATI** |
| Kurt Scerri | Dominic Grima |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |